# PAPIET TAS-SEKLU 14

PAPA BENEDITTU XI (1303 – 1304)



Wara l-mewt ta' Bonifacju ingabru f'konklavi grupp ta' kardinali biex jaghzlu s-successur tieghu. Karlu II ta' Napli dahal Ruma u heggighom biex l-elezzjoni taghhom tkun wahda ta' malajr. Nogaret kien ghadu l-Italja jigbor madwaru ggajtiet ta' nies armati biex iqanqlu l-inkwiet. Il-kardinali f'atmosfera bhal din ghazlu malajr lil Nikola Boccassini li kien salva lill-Papa Bonifacju gewwa Anagni. Huwa ghazel l-isem ta' Benedittu XI.

Nikola Boccassini twieled gewwa Treviso madwar is-sena 1240 minn familja fqira. Sa mill-eta' ta' 14 il-sena huwa dahal jaghmel parti mill-ordni dumnikana. Kien ihobbha hafna u baqa' grat lejha hajtu kollha. Kien bniedem intelligenti u ghadda minn stadju ghal iehor ta' studju sa ma lahaq professor gewwa l-universita'. Ghadda wkoll minn grad ghal iehor fl-ordni dumnikan u anke gie elett majjistru generali ta' l-ordni. Bonifacju VIII hatru kardinal fis-sena 1298 u baghtu fuq missjonijiet ta' paci bejn Franza u l-Ungerija.  Meta Nogaret u Sciarra Colonna ghamlu attakk fuq Anagni kien il-kardinal Nikola li salva lil Papa minn taht idejhom.



Kien bniedem leali, gharef, u ta' hlewwa liema bhala, aktar lest li jahfer milli biex jiggieled. Iffaccjat bil-problema ta' jekk ghandux jopponi jew icedi lir-re Filippu ta' Franza, huwa ghazel li juri sinjali ta' paci minghajr ma jitlef il-principju. Kien jahfer hafna u lil Filippu sejjahlu l-"ghaziz ibni" minghajr ma semmielu l-iskomunika. Anke l-familja Colonna sabet ruhha parzjalment imsahha. Kienu biss dawk li hadmu fl-inkwiet ta' Anagni u li kienu ghadhom jahdmu kontra l-papa li ma sabux mahfra. Il-mahfra li

ta lil Filippu re ta' Franza ma hadmitx bhas-soltu ghaliex ir-re baqa' joppressa lic-Cistercensi billi dawn baqghu fidili lejn il-Papa.

Hadem u kellu success biex inissel il-paci bejn Venezja u Padova. Il-Papa kellu relazzjoni tajba mar-Re Stiefnu Urosh tas-Serbja li dawk iz-zminijiet bdiet turi l-qawwa taghha fil-Balkani. Ghalkemm Stiefnu halla lil Jugoslavi ta' l-Occident jibqghu leali lejn ilPapa, huwa ma ghamel ebda sforz biex jghaqqad is-Serbja mas-Santa Sede.

Waqt li kien gewwa Perugija Benedittu laqtitu l-marda tad-disenterija u fis-7 ta' Lulju tas-sena 1304 miet. Ghalkemm xi whud jahsbu li miet avvelenat, l-iskulari moderni ta' l-istorja jemmnu li Benedittu miet mewta naturali.

Huwa l-awtur ta' hafna kotba kummentarji fuq il-Bibbja, kemm fuq it-Testment il-Qadim kif ukoll fuq it-Testment il-Gdid.